MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 227/2007

**Talba Nru: 227/07PBC**

**Victor Fenech (K.I. 73772M)**

**Vs**

**Keith Scerri (K.I. 348972M) u
Caroline Scerri (K.I. 291674M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) rapprezentanti xoghlijiet ta' finishing fil-fond akkwistat mill-konvenuti minghand l-attur gewwa Triq l-Imhallef Debono, Imsida u dan ai termini ta' l-iskrittura privata ffirmata bejn il-

kontendenti quddiem in-Nutar Josette Cauchi fid-9 ta' Frar, 2006.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------